

# Neliminaw l-ostakli

## Persuni b'diżabilità u d-dritt tagħhom li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew

Relatur: Krzysztof Pater

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew



# INTRODUZZJONI

## L-iżgurar tad-dritt tal-vot għall-persuni b'diżabilità

Kull adult Ewropew, inklużi dawk b'diżabilità, għandu d-dritt li jivvota fl-elezzjonijiet nazzjonali u dawk tal-Parlament Ewropew. Dan id-dritt huwa bbażat fuq diversi dokumenti legalment vinkolanti, inklużi d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Sfortunatament, madwar l-UE, ħafna persuni b'diżabilità ma jistgħux jeżerċitaw id-dritt tal-vot tagħhom bis-sħiħ. Rapport mir-relatur tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) Krzysztof Pater jistma li, minħabba r-regoli nazzjonali, **madwar 800,000 ċittadin tal-UE f'16-il pajjiż tal-UE huma legalment imċaħħda mid-dritt tagħhom li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew minħabba d-diżabilità jew il-problemi ta' saħħa mentali tagħhom**.

Dawn u miljuni ta' ċittadini oħra ma jistgħux jivvutaw minħabba għadd ta' raġunijiet. Pereżempju, ħafna persuni b'diżabilità jiġu assenjati post tal-votazzjoni abbażi tal-post tar-residenza tagħhom li ma jistax jakkomoda l-bżonnijiet tagħhom. Kieku kellhom l-għażla, ħafna jbiddlu l-post tal-votazzjoni tagħhom. Madankollu, fi 12-il pajjiż tal-UE, il-leġislazzjoni nazzjonali ma tippermettix li l-votanti jbiddlu l-post tal-votazzjoni tagħhom mingħajr ma jbiddlu l-post tar-residenza tagħhom.

# Nuqqas ta' għażla

Barra minn hekk, għalkemm ħafna persuni b'diżabilità għandhom mobilità indipendenti limitata, tmien pajjiżi tal-UE ma jipprovdux alternattivi għall-votazzjoni f'post tal-votazzjoni, bħall-votazzjoni bil-posta, votazzjoni elettronika, jew votazzjoni permezz ta' kaxxa tal-voti mobbli.

Fi 18-il pajjiż tal-UE, il-votanti neqsin mid-dawl m'għandhom l-ebda mod biex jivvutaw b'mod indipendenti iżda jridu jafdaw lil xi ħadd li jakkumpanjahom biex jivvota f'isimhom.

Għadd żgħir ta' pajjiżi tal-UE jippermettu votazzjoni bi prokura, li permezz tagħha persuna b'diżabilità tippermetti lil xi ħadd ieħor jitfa' l-vot f'isimha. Iżda minnha nnifisha, il-votazzjoni bi prokura ma tippermettix lill-persuni b'diżabilità jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom waħedhom. Bħala tali, mhijiex alternattiva adegwata.

Nuqqas ta' informazzjoni aċċessibbli jiskoraġġixxi wkoll lill-persuni milli jivvutaw. Pereżempju, persuni b'diżabilità jistgħu jaqtgħu qalbhom milli jippruvaw jivvutaw jekk ma jkunux jafu bir-regoli speċifiċi li jista' jkollhom isegwu fil-post tal-votazzjoni, jew minħabba xi ostakli fiżiċi li jistgħu jiltaqgħu magħhom.

Ir-rapport tal-KESE jikkonkludi li kieku kellhom jiġu implimentati l-aħjar prattiki mill-pajjiżi kollha, kieku kull ċittadin tal-UE b'diżabilità jkollu l-possibbiltà sħiħa li jivvota bl-aktar mod konvenjenti li jagħżel biex jeżerċita d-dritt demokratiku tiegħu.

Il-KESE jissuġġerixxi li l-leġislazzjoni attwali tal-UE dwar l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għandha tiġi emendata biex tinkludi garanziji dwar l-għażliet tal-votazzjoni għall-persuni b'diżabilità.

Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq is-sit web tal-KESE. Jippreżenta s-sitwazzjoni attwali sħiħa u jiddeskrivi kif id-dritt tal-vot huwa biss parzjalment protett fl-Ewropa għall-persuni b'diżabilità. Dan il-fuljett joffri sommarju tas-sejbiet tar-rapport.


Dritt
tal-vot
DIKJARAZZJONI UNIVERSALI
TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM
KONVENZJONI TAN-NU DWAR
ID-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABIL
KARTA TAD-DRITTIJIET
FUNDAMENTALI TAL-UNJONI EWROPEA

# UĦUD MILL-AĦJAR PRATTIKI

Il-pajjiżi kollha tal-UE għamlu progress biex jestendu l-għażliet tal-votazzjoni għall-persuni b'diżabilità.



## AWSTRIJA

Fl-Awstrija, kull muniċipalità u kull distrett ta' Vjenna għandu jkollhom tal-anqas post tal-votazzjoni wieħed li huwa aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.



## BELĠJU

Votanti Belġjani b'diżabilità jistgħu jużaw kabina tal-votazzjoni adattata apposta li titqiegħed f'post fejn jistgħu jaċċessawha. Il-kabina tista' anke titqiegħed barra mill-post tal-votazzjoni.



## BULGARIJA

Il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Bulgara ttella' film fuq is-sit web tagħha li jiddeskrivi l-proċeduri tal-votazzjoni għall-persuni b'diżabilità. Dan jinkludi traduzzjoni fil-lingwa tas-sinjali.



## ĊIPRU

Ċipru ddeċieda li d-daqs massimu tal-karta tal-vot għandu jkun ta' 16x70 cm biex il-karta tal-vot tkun aktar faċli timtela.

## DANIMARKA

Fid-Danimarka, ambitu wiesa' għall-votazzjoni bikrija jippermetti li l-persuni kollha jivvutaw minn jumejn sa tliet ġimgħat qabel f'postijiet tal-votazzjoni magħżula. L-għażla li wieħed jivvota kmieni hija partikolarment utli għal persuni b'diżabilità, li ħafna drabi jkollhom bżonn jagħmlu arranġamenti bil-quddiem biex jivvutaw.

## ESTONJA

Iċ-ċittadini kollha fl-Estonja jistgħu jivvutaw b'mod elettroniku.

## FINLANDJA

Il-Ministeru tal-Ġustizzja fil-Finlandja jħallas għall-pubblikazzjoni ta' fuljett ta' tagħrif dwar l-elezzjonijiet bil-Braille.

## FRANZA

Franza hija waħda minn diversi pajjiżi li jippermettu li persuni li mhumiex eliġibbli biex jivvutaw, bħat-tfal, jgħinu lill-adulti b'diżabilità biex jivvutaw.

## ĠERMANJA

Persuni neqsin mid-dawl fil-Ġermanja jistgħu jordnaw mudelli tal-karta tal-vot akkumpanjati minn CD li jinkludi struzzjonijiet dwar kif jintuża l-mudell u informazzjoni uffiċjali dwar l-elezzjoni bil-Braille.

## GREĊJA

Fil-Greċja, iċ-ċittadini kollha huma obbligati jivvutaw. Madankollu, peress li ħafna drabi l-votazzjoni obbligatorja hija stressanti għall-persuni b'diżabilità, l-awtoritajiet Griegi huma flessibbli ħafna meta japplikaw ir-regola.



## IRLANDA

Votanti li jgħixu f'istituzzjonijiet ta' kura fit-tul fl-Irlanda jistgħu japplikaw biex jiġu inklużi fuq lista ta' votanti speċjali. Jekk l-applikazzjoni tintlaqa', uffiċjali speċjali responsabbli għall-immaniġġjar tal-proċess elettorali jżuru lill-applikanti b'mod individwali biex jirreġistraw il-voti tagħhom.



## ITALJA

Fl-Italja, l-awtoritajiet lokali jipprovdu t-trasport lejn postijiet tal-votazzjoni xierqa għal dawk b'mobilità limitata.



## IŻVEZJA

Votant li jkun irċieva karta tal-vot għal vot bil-posta fl-Iżvezja jista' jbiddel fehmtu u jippreżenta l-karta tal-vot personalment fil-post tal-votazzjoni fil-jum tal-elezzjoni.



## KROAZJA

Votanti fil-Kroazja jistgħu jiksbu ċertifikat li jippermettilhom jivvutaw fi kwalunkwe post tal-votazzjoni. Dan jippermetti lill-persuni b'diżabilità jidentifikaw postijiet tal-votazzjoni fejn hemm assistenza disponibbli.



## LATVJA

Votanti fil-Latvja, l-istess bħalma huwa l-każ f'għaxar pajjiżi oħra tal-UE, ma jistgħu f'ebda ċirkostanza jiġu mċaħħda mid-dritt tagħhom li jivvutaw.



## LITWANJA

Fil-Litwanja, il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tipprovdi mappa onlajn li tidentifika l-postijiet tal-votazzjoni l-aktar adattati għall-votanti b'mobilità mnaqqsa.

## LUSSEMBURGU

Fil-Lussemburgu votant jista' saħansitra jaħtar membru tal-kummissjoni elettorali bħala l-assistent tiegħu.

## MALTA

F'Malta kull post tal-votazzjoni jrid ikun mgħammar b'apparat tal-awdjo u mudell bil-Braille li jelenka l-kandidati u l-partiti li hemm fuq il-karta tal-vot.

## NETHERLANDS

Votanti fin-Netherlands jistgħu jużaw lenti li tiġi pprovduta f'kull post tal-votazzjoni.

## POLONJA

Fil-Polonja fl-isptarijiet u fl-istituzzjonijiet tal-kura fit-tul b'tal-anqas 15-il resident jiġu organizzati "postijiet tal-votazzjoni magħluqa".

## PORTUGALL

Vot fil-Portugall jingħadd jekk jindika b'mod ċar ir-rieda tal-votant, minkejja l-fatt li l-marka tiegħu fuq il-karta tal-vot tista' tkun saret barra mill-kaxxa.

## REPUBBLIKA ĊEKA

Fir-Repubblika Ċeka jitħejja fuljett ta' tagħrif ġenerali f'diversi forom, imfassal apposta għall-bżonnijiet ta' persuni b'tipi ta' diżabilità differenti.

## RUMANIJA

Ir-Rumanija tippermetti lill-votanti jagħmlu marka ħdejn isem ta' kandidat billi jużaw timbru li jinkiseb mill-kummissjoni elettorali.

## SLOVAKKJA

Fis-Slovakkja, persuni li jipprovdu kura permanenti lill-votanti b'diżabilità jistgħu jivvutaw fl-istess ħin fl-istess kabina tal-votazzjoni mobbli.

## SLOVENJA

Qabel kull elezzjoni, il-ministeri rilevanti fis-Slovenja jibagħtu avviżi lill-isptarijiet u lill-istituzzjonijiet tal-kura fit-tul fejn jelenkaw l-ammont ta' residenti jew ta' pazjenti li jistgħu jeżerċitaw id-dritt tal-vot tagħhom.

## SPANJA

Fi Spanja, persuna b'diżabilità li ma tistax tmur l-uffiċċju postali biex titlob il-vot bil-posta tista' ssejjaħ nutar pubbliku. Dan l-uffiċjal, mingħajr ħlas, jagħti prokura lill-persuna maħtura mill-votant biex twettaq ir-rekwiżiti relatati mal-votazzjoni bil-posta.

## UNGERIJA

Persuna b'diżabilità fl-Ungerija tista' tindika l-ħtieġa tagħha għal post tal-votazzjoni aċċessibbli sa jumejn qabel elezzjoni.

Minkejja dan il-progress li sar fost il-pajjiżi tal-UE, għad fadal ħafna xi jsir sabiex jiġi ggarantit li ċ-ċittadini kollha tal-UE, inklużi l-persuni b'diżabilità, ikollhom l-għażliet tal-votazzjoni li jeħtieġu.

# OSTAKLI LEGALI U TEKNIĊI BIEX WIEĦED JIVVOTA

Biex jipproteġu l-interessi ta' ċittadini b'diżabilità intellettwali jew ta' dawk bi problemi ta' saħħa mentali, il-pajjiżi tal-UE jippermettu tipi ta' tutela legali abbażi tal-kapaċitajiet ta' dawk taħt it-tutela tagħhom.

Pereżempju, tuturi plenarji jieħdu kważi d-deċiżjonijiet kollha għal dawk taħt it-tutela tagħhom, filwaqt li tuturi parzjali jieħdu ċerti deċiżjonijiet, skont l-individwu.

F'disa' pajjiżi tal-UE, is-sistema legali awtomatikament tirrevoka d-drittijiet tal-vot ta' ċerti persuni taħt tutela plenarja filwaqt li f'seba' pajjiżi, fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-individwu mill-qorti, hemm il-possibilità li l-persuna tiċċaħħad mid-dritt tal-vot. Fi 11-il pajjiż tal-UE, fl-ebda ċirkostanza individwu ma jista' jiġi mċaħħad mid-dritt tal-vot. L-għadd ta' persuni b'diżabilità li ma jistgħux jivvutaw ivarja ferm bejn pajjiż u ieħor.

Fil-Portugall, madwar 100 persuna b'diżabilità ma jistgħux jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw, filwaqt li f'pajjiżi oħra, in-numru jista' jlaħħaq għal madwar 300 000 persuna.

Fis-snin reċenti, ġiet osservata tendenza min-naħa tal-pajjiżi tal-UE li jitbiegħdu mir-revoka awtomatika tad-drittijiet tal-vot. Minflok, is-sistemi legali nazzjonali qegħdin dejjem aktar jillimitaw dawk id-drittijiet f'għadd żgħir ta' każijiet, deċiżi minn qorti fuq bażi ta' każ b'każ. Xi pajjiżi neħħew il-limitazzjonijiet kollha.

Ir-rapport jipproponi li l-Parlament Ewropew u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE għandhom jgħinu biex titħaffef din il-bidla fis-sistemi legali tal-Istati Membri, bil-għan li jitneħħew ir-restrizzjonijiet legali kollha relatati mad-dritt tal-vot ta' persuni b'diżabilità.




# L-ostakli tekniċi għad-dritt tal-vot

L-awtoritajiet pubbliċi għandhom ir-responsabbiltà li jipprovdu informazzjoni dwar l-elezzjonijiet lill-persuni b'diżabilità f'format imfassal apposta skont il-ħtiġijiet tagħhom. Madankollu, ħafna drabi l-liġijiet nazzjonali ma jipprevedux espressament l-għoti ta' tali informazzjoni.

Informazzjoni elettorali tinkludi d-data tal-elezzjonijiet, ir-regoli bażiċi, il-format tal-vot u dettalji dwar proċeduri speċjali li huma rilevanti għall-persuni b'diżabilità. L-awtoritajiet għandhom jiżguraw ukoll li l-informazzjoni tqis id-diversi tipi ta' diżabilità, bħall-bżonnijiet ta' persuni għomja, neqsin mid-dawl, u ta' persuni neqsin mis-smigħ.

Ir-rapport jinnota li l-awtoritajiet għandhom jikkooperaw mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tiġi kkomunikata bl-aktar mod effettiv possibbli. Pereżempju, għandu jkun faċli li wieħed isib postijiet tal-votazzjoni li huma attrezzati b'faċilitajiet biex jakkomodaw lill-persuni b'diżabilità.

Barra minn hekk, il-midja pubblika u l-internet m'għandhomx ikunu l-uniċi modi kif tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-votazzjoni lil dawk b'diżabilità. Ir-rapport jissuġġerixxi li minflok, l-awtoritajiet għandhom iwasslu l-informazzjoni b'modi adattati għal tipi ta' diżabilità differenti. Spiss, l-istampi huma mod effettiv biex jilħqu lill-persuni b'diżabilità intellettwali, għalkemm il-pajjiżi tal-UE rari jużaw dan il-metodu.




# Fil-post tal-votazzjoni

L-aktar forma bażika ta' parteċipazzjoni elettorali hija l-votazzjoni f'post tal-votazzjoni. Madankollu, il-maġġoranza vasta tal-postijiet tal-votazzjoni fl-UE mhumiex adattati għalkollox għall-bżonnijiet ta' persuni b'tipi ta' diżabilità differenti.

Għalkemm 11-il pajjiż tal-UE jesiġu li kull post tal-votazzjoni għandu jiġi adattat għall-persuni b'diżabilità, ħarsa aktar mill-qrib turi li l-"aċċessibbiltà" spiss tinftiehem bħala nuqqas ta' ostakli fiżiċi għas-siġġijiet bir-roti. Din il-perspettiva ristretta tinjora għadd ta' kwistjonijiet, bħall-bżonnijiet ta' persuni neqsin mid-dawl.

Peress li l-postijiet tal-votazzjoni ma jistgħux jadattaw malajr għall-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità, l-aħjar għażla hija li l-votanti b'diżabilità jitħallew ibiddlu l-post tal-votazzjoni, f'każ li l-post tal-votazzjoni tagħhom kien ġie assenjat abbażi tar-residenza tagħhom. Skont ir-rapport, il-proċedura amministrattiva li tippermetti tali tibdil għandha tkun sempliċi u rapida.

Barra minn hekk kull votant b'diżabilità għandu jkun jista' jagħżel il-persuna li tassistih fil-post tal-votazzjoni. Ħafna pajjiżi jistabbilixxu kundizzjonijiet dwar l-għażla ta' dawn l-assistenti li mhumiex meqjusa ġustifikati.

Miżuri effettivi oħra jinkludu l-wiri ta' avviżi uffiċjali u kopji tal-karti tal-voti f'daqsijiet xierqa, u f'għoli fejn jistgħu jinqraw faċilment; l-informazzjoni tkun disponibbli bil-Braille; u jiġi permess l-użu ta' interpretu tal-lingwa tas-sinjali onlajn.




# Il-karta tal-vot

Il-proċedura ta' kif jintefgħu l-voti spiss tiddetermina jekk il-persuni b'diżabilità jistgħux jivvutaw b'mod indipendenti jew le. Ħafna drabi, id-disinn tal-karta tal-vot u l-format tal-votazzjoni huma diffikultajiet li persuni b'diżabilità ma jistgħux jegħlbu. Minflok, il-votant ikollu jiżvela l-għażla tal-votazzjoni tiegħu lil persuna oħra, li titfa' l-vot f'ismu, liema proċedura ma tirrispettax il-prinċipju tas-segretezza.

Barra minn hekk, il-kitba tal-isem jew tan-numru tar-reġistrazzjoni ta' kandidat jew it-tpinġija ta' ċirku madwar għażla toħloq ostaklu kbir għall-votanti b'użu limitat ta' idejhom.

L-aktar soluzzjoni konvenjenti hija li l-votanti jitħallew jagħmlu għażla billi jqiegħdu 'X' jew marka simili f'kaxxa kbira biżżejjed. Għall-persuni għomja jew dawk neqsin mid-dawl, jew dawk li jsibuha diffiċli li jiktbu ċar b'pinna, ħafna drabi l-aħjar soluzzjoni hija koperturi speċjali għall-karti tal-vot, sakemm l-informazzjoni tkun bil-Braille jew tinqara faċilment.

Jekk votant b'diżabilità jrid jagħżel karta bl-isem ta' partit politiku minn għadd ta' karti, it-tipa għandha tkun kbira biżżejjed, u barra minn hekk il-karti kollha jridu jkunu stampati bil-Braille.

Għall-votanti b'diżabilitajiet intel-lettwali, l-aħjar approċċ huwa li l-informazzjoni tingħata permezz ta' sentenzi sempliċi jew struzzjonijiet illustrati.



## Votazzjoni bikrija

Għaxar pajjiżi tal-UE joffru lil tal-anqas ċerti gruppi ta' votanti l-possibbiltà li jivvutaw qabel f'post tal-votazzjoni partikolari. Dawn jinsabu f'postijiet mfassla apposta għall-bżonnijiet tal-persuni b'mobilità indipendenti limitata.

Fil-maġġoranza tal-pajjiżi, il-votazzjoni bikrija ma teħtieġx kompiti amministrattivi: il-votanti sempliċement imorru fil-post tal-votazzjoni waqt il-ħinijiet tal-ftuħ. Ċerti pajjiżi, madankollu, jeħtieġu li l-votanti li jkunu jixtiequ jivvutaw qabel jirreġistraw minn qabel.

Il-votazzjoni bikrija hija mod effettiv biex tgħin lill-persuni b'diżabilità jieħdu sehem fl-elezzjonijiet. Tagħti lill-awtoritajiet lokali aktar ħin biex jorganizzaw it-trasport għall-persuni b'diżabilità biex jaċċessaw il-post tal-votazzjoni tagħhom.

F'istituzzjonijiet ta' kura fit-tul, il-votazzjoni bikrija ttaffi l-proċess tal-votazzjoni f'jum tax-xogħol. Normalment ikun hemm aktar persunal disponibbli milli nhar ta' Ħadd, il-jum tradizzjonali tal-elezzjonijiet f'ħafna pajjiżi.



## Vot bil-posta

F'xi pajjiżi tal-UE l-votanti li jgħixu fil-pajjiż tal-votazzjoni jistgħu jiksbu l-karta tal-vot minn qabel, jimlewha personalment, u mbagħad jibagħtuha bil-posta lill-kummissjoni elettorali.

Il-votazzjoni bil-posta tiffaċilita b'mod konsiderevoli l-proċess tal-votazzjoni għal ħafna persuni b'diżabilità. Iżda l-faċilità tal-użu tiddependi, fost fatturi oħra, fuq is-sempliċità tal-proċess tar-reġistrazzjoni u n-nuqqas ta' tariffi.

Votanti b'diżabilità li jirreġistraw għall-vot bil-posta għandhom jirċievu mhux biss il-karta tal-vot imma wkoll struzzjonijiet f'forma adattata għat-tip speċifiku ta' diżabilità tagħhom. Pereżempju, persuni għomja u dawk neqsin mid-dawl għandhom jirċievu koperturi speċjali bil-Braille jew CDs bl-istruzzjonijiet.



# Votazzjoni permezz ta' kaxxi tal-voti mobbli

Kaxxa tal-voti mobbli hija mod effettiv biex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jivvutaw. Sbatax-il pajjiż tal-UE jippermettu li l-votant tintbagħtlu kaxxa tal-voti jew inkella karta tal-vot f'envelop speċjali fir-residenza tiegħu għall-użu tiegħu.

Votanti jistgħu jużaw dan it-tip ta' votazzjoni meta d-diżabilità jew il-kundizzjoni medika tagħhom ma tippermettilhomx li jivvjaġġaw lejn post tal-votazzjoni. Tali votazzjoni hija utli wkoll għal dawk fl-isptarijiet jew f'istituzzjonijiet tal-kura fit-tul.

Għal persuna marida jew li għandha diżabilità serja, l-istennija ta' diversi sigħat sakemm tasal il-kaxxa tal-voti tista' tkun ta' piż, u għalhekk il-perjodu ta' żmien li fih għandha titwassal għandu jkun qasir.

Barra minn hekk, sakemm tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-postijiet tal-votazzjoni, l-awtoritajiet elettorali għandhom jikkunsidraw il-possibbiltà li jqiegħdu kaxxa tal-voti żgħira barra jew quddiem il-post tal-votazzjoni għall-votanti b'mobilità indipendenti limitata.



# Votazzjoni bi prokura

Magħrufa ġeneralment bħala delega tad-dritt tal-vot, il-votazzjoni bi prokura tapplika meta votant jawtorizza lil persuna oħra biex tivvota f'ismu f'post tal-votazzjoni. Din l-għażla hija possibbli biss f'erba' pajjiżi tal-UE.

Filwaqt li l-votazzjoni bi prokura tista' tkun biss soluzzjoni komplementari għal dawk b'diżabilità li għandhom diffikultà jitfgħu l-vot tagħhom huma stess, ma għandhiex tintuża bħala skuża biex ma tippermettix lill-votanti kollha jipparteċipaw direttament u ġenwinament fl-elezzjonijiet.

L-awtoritajiet għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-mod kif id-dritt tal-vot jiġi delegat biex jiġu evitati irregolaritajiet fil-proċess elettorali. Skont ir-rapport, soluzzjoni waħda hija li jiġi limitat l-għadd ta' persuni li għalihom persuna waħda tista' taġixxi bħala prokuratur.



# Votazzjoni elettronika

Iċ-ċittadini kollha fl-Estonja jistgħu jivvutaw elettronikament, li hija l-aktar soluzzjoni konvenjenti għal ħafna Estonjani b'diżabilità. Madankollu, din is-sistema hija parti minn qafas komprensiv ta' komunikazzjoni elettronika bejn iċ-ċittadini tal-pajjiż u l-awtoritajiet nazzjonali.

F'postijiet oħra, it-twaqqif ta' tali sistema unikament għall-elezzjonijiet ma jagħmilx sens. Apparti t-tħassib dwar is-sigurtà, l-awtoritajiet f'pajjiżi oħra tal-UE jkollhom jagħmlu investimenti sostanzjali biex joħolqu sensibilizzazzjoni dwar dan il-metodu ta' votazzjoni, u jikkomunikaw informazzjoni xierqa u mfassla apposta għall-persuni b'diżabilitajiet differenti.




## Votazzjoni obbligatorja

Fi tliet pajjiżi tal-UE kull votant huwa obbligat jivvota. Jekk persuni b'diżabilità ma jkunux jistgħu jivvutaw f'dawn il-pajjiżi minħabba arranġamenti mhux sodisfaċenti, jistgħu jġarrbu stress sostanzjali minħabba l-biża ta' sanzjonijiet mill-istat jekk ma jivvutawx.

Dawn il-pajjiżi għandhom jiżguraw li jkun hemm soluzzjonijiet fis-seħħ li jippermettu lil dawk kollha b'diżabilità jipparteċipaw fl-elezzjonijiet.



# Votazzjoni f'pajjiż ieħor tal-UE

Iċ-ċittadini kollha tal-UE li jgħixu f'pajjiż tal-UE li mhuwiex il-pajjiż tal-oriġini tagħhom huma intitolati jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Madankollu, qabel ma jkunu jistgħu jivvutaw dawn għandhom ikunu rreġistrati.

Ħafna persuni b'diżabilità jistgħu jsibuha impossibbli jew iebsa ħafna biex imorru personalment f'uffiċċju biex jirreġistraw. Modi oħra ta' reġistrazzjoni, imfassla apposta għall-bżonnijiet ta' persuni b'tipi ta' diżabilitajiet differenti, għandhom jiġu implimentati u kontinwament estiżi.

Ir-reġistrazzjoni tal-votanti għandha ssir darba biss, mingħajr il-ħtieġa li tiġi ripetuta f'elezzjonijiet sussegwenti. Barra minn hekk l-iskadenzi għar-reġistrazzjoni għall-vot għandhom ikunu armonizzati fost l-UE kollha: attwalment, dawn ivarjaw minn 90 sa 5 ijiem qabel elezzjoni.




# Votazzjoni għal dawk fl-istituzzjonijiet tal-kura fit-tul u fl-isptarijiet

It-tibdil demografiku f'soċjetajiet li qed jixxjieħu qed iwassal għal żieda kostanti fl-għadd ta' persuni li jgħixu f'istituzzjonijiet ta' kura 24 siegħa kuljum jew li qed jingħataw kura fit-tul fl-isptarijiet. Iżda fi kważi terz tal-pajjiżi tal-UE, il-persuni f'dawn l-istituzzjonijiet m'għandhom l-ebda opportunità biex jieħdu sehem fl-elezzjonijiet.

F'pajjiżi oħra tal-UE, filwaqt li teoretikament huwa possibbli li wieħed jivvota f'dawn l-istituzzjonijiet, l-implimentazzjoni fil-prattika teħtieġ ammont kbir ta' appoġġ min-naħa tal-familja tal-votant. Huma biss seba' pajjiżi tal-UE li jipprovdu postijiet tal-votazzjoni speċjali għal dawn il-votanti.

L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiddedikaw attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li dawn in-nies jistgħu jivvutaw. Jekk istituzzjoni takkomoda tal-anqas bejn 50 u 100 persuna, l-aħjar soluzzjoni hija t-twaqqif ta' post tal-votazzjoni magħluq. F'każ ta' inqas nies, kummissjoni elettorali mobbli tista' tipprovdi kaxxa tal-voti mobbli. Fi kwalunkwe każ, skont ir-rapport, persuni li ma jistgħux jitħarrku mis-sodda għandu dejjem ikollhom aċċess għal kaxxa tal-voti mobbli biex jivvutaw.

Ħafna drabi l-pazjenti jiżviluppaw livell għoli ta' dipendenza fuq il-persunal, bir-riskju li d-deċiżjonijiet ta' votant jistgħu ma jkunux kompletament indipendenti. Il-fokus tal-kummissjonijiet elettorali għandu jkun li jippermettu lill-votanti jivvutaw waħedhom.

# DRITT SĦIĦ BIEX KULĦADD JIVVOTA

L-għan tar-rapport tal-KESE ppreżentat fil-qosor hawnhekk mhuwiex li jikkritika xi pajjiż tal-UE. Pjuttost, huwa li jħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali biex jingħaqdu flimkien biex jeżaminaw modi kif jiggarantixxu d-drittijiet politiċi kollha ta' wħud mill-aktar ċittadini vulnerabbli tagħhom, jgħid ir-relatur tal-KESE Krzysztof Pater.

Barra minn hekk ir-rapport ma joffrix sett sħiħ ta' soluzzjonijiet għall-pajjiżi tal-UE biex jadottaw. Minflok, jistabbilixxi l-ambitu sħiħ tal-problema u jippreżenta ħafna soluzzjonijiet possibbli li jistgħu jintgħażlu jew jiġu żviluppati u implimentati mill-pajjiżi tal-UE skont it-tradizzjonijiet elettorali nazzjonali tagħhom.

Persuni b'diżabilità mhux biss għandu jkollhom id-dritt sħiħ li jivvutaw iżda għandhom ukoll ikunu jistgħu jivvutaw bl-aktar mod konvenjenti possibbli. Il-Parlament Ewropew għandu jkun minn ta' quddiem fl-iżvilupp ta' leġislazzjoni biex dan id-dritt isir realtà.

Ir-rapport sħiħ tal-KESE *Id-drittijiet reali ta' persuni b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew* jinstab hawnhekk fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE: www.eesc.europa.eu/the-real-right-of-persons-with-disabilities-to-vote-in-EP-elections

# RIŻORSI ADDIZZJONALI

**Sit web tal-KESE**
www.eesc.europa.eu

**Sit web tal-President tal-KESE**
www.eesc.europa.eu/president

www.eesc.europa.eu/facebook

www.eesc.europa.eu/twitter

www.eesc.europa.eu/youtube

www.linkedin.com/company/european-economic-and-social-committee

***Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew***

Rue Belliard/Belliardstraat 99
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Persuna inkarigata mill-pubblikazzjoni: Unità taż-Żjajjar u l-Pubblikazzjonijiet
EESC-2019-21-MT

**www.eesc.europa.eu**

© L-Unjoni Ewropea, 2019
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratt / grafika, il-permess għandu jintalab direttament mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur:

p. 1 & p. 2 - © Shutterstock.com/tsvetina_ivanova
p. 5 – © Shutterstock.com/mayrum & © Shutterstock.com/Astrovector
p. 6-10 – © Shutterstock
p. 12 – © Shutterstock.com/mayrum & © Shutterstock.com/Studio_G
p. 13 – © Shutterstock.com/Maanas
p. 15 – © Shutterstock.com/Pro Symbols & © Shutterstock.com/Astrovector
p. 16 – © Shutterstock.com/mayrum & © Shutterstock.com/Enmaler
p. 17 – © Shutterstock.com/hvostik
p. 18 – © Shutterstock.com/YummyBuum
p. 19 – © Shutterstock.com/Artram
p. 20 – © Shutterstock.com/illpos
p. 21 – © Shutterstock.com/Sapann Design

*Print:*
QE-03-19-084-MT-C
ISBN 978-92-830-4393-5
doi:10.2864/774848

*Online:*
QE-03-19-084-MT-N
ISBN 978-92-830-4382-9
doi:10.2864/19125

MT